

Brussell, 13 ta' Frar 2026
(OR. en, hu)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0101 (COD)

6176/26
ADD 1

CODEC 195
JAI 179
ASILE 15
ASIM 10

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

L-Ungerija talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

L-Ungerija ttenni r-riżervi serji tagħha rigward il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Fil-kuntest tal-lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, l-Ungerija konsistentement irrakkomandat li l-pajjiżi kandidati eliġibbli għandhom jiġu inklużi awtomatikament fil-lista tal-UE. Aħna konvinti li l-inklużjoni għandha sseħħ awtomatikament, mingħajr ma jiġu imposti kundizzjonijiet addizzjonali fuq il-pajjiżi kandidati sabiex dawn jibqgħu fuq il-lista.

Għalhekk, l-Ungerija jiddispijaċiha li t-test ta' kompromess, de facto, jimponi kundizzjonijiet aktar stretti fuq il-pajjiżi kandidati eliġibbli milli fuq pajjiżi terzi oħra elenkati fl-Anness.

L-Ungerija tqis li l-elekar speċifiku tal-pajjiżi kandidati eliġibbli kien jipprovdi l-aktar soluzzjoni legali robusta, filwaqt li jevita aktar kumplikazzjonijiet u jittratta lill-pajjiżi kandidati eliġibbli b'mod ekwu.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-Ungerija tastjeni.
